MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 133/2013

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. ILLI l-kontendenti zzewgu biss civilment fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju, tas-sena elfejn u ghaxra (2010), liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru: wiehed, wiehed, disgha, hamsa (1195) tas-sena elfejn u ghaxra (2010), u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv, m'hawn anness u mmarkat bhala '**DOK AM 1**';

2. ILLI minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

3. ILLI l-partijiet isseparaw konsenswalment fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Joe Abela, kopja tal-kuntratt *de quo* huwa hawn anness u mmarkat bhala **DOK AM 2**;

4. ILLI l-kunsens tal-kontendenti kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta ;

5. ILLI l-kunsens tal-partijiet kien vizjat minhabba l-ekluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt tal-hajja konjugali u dan ai termini tal-Artiklu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta ;

6. ILLI dawn il-fatti huma a konoxxenza tar-rikorrenti.

Talbet in vista tas-suespost li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikuntrattat bejn il-kontendenti fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju, tas-sena elfejn u ghaxra (2010), hu wiehed null u bla effett fil-ligi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u cioe' artikoli 19 (1) (d) u artikolu 19 (1) (f) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna li din in-nullita` taz-zwieg fuq imsemmija tigi rregistrata fuq l-att taz-zwieg relattiv hekk kif hawn fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-esponent jirrileva li huwa qieghed jaqbel mal-premessi tar-rikorrenti fir-rikors guramentat taghha;
2. Illi l-esponent intimat jeccepixxi li huwa jaqbel mat-talba tar-rikorrenti u cioe' li z-zwieg ta' bejn iz-zewg kontendenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi ghar-ragunijiet indikati mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghha b'dan pero' illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu ssupportati mir-rikorrenti;
3. Salv risposti ulterjuri skont il-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat l-24 ta' Lulju 2010 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u 19(1) (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

**Il-verzjoni tal-attrici**

Illi permezz tal-affidavit taghha[1], l-attrici tghid li z-zwieg taghha u tal-intimat kien wiehed ta' konvenjenza b'dan li qatt ma telqet mid-dar ta' ommha. L-intimat kien imur xi drabi fir-residenza tal-istess attrici (fejn kienet tghix ma' ommha u ħuha) izda l-partijiet qatt ma ghexu flimkien bhala mara u ragel mizzewgin. Tghid ukoll li kienu c-cirkustanzi li wassluhom biex jizzewgu u dan anke wara li kellha tigdeb u tghid li kienu qed jghixu flimkien biex iggib ir-*residence permit* taghha hawn Malta. Izzid tghid ukoll li ftit xhur wara z-zwieg taghhom, ma felhitx tghix gidba aktar u ghalhekk iddecidiet li dan iz-zwieg kellu jisfaxxa, ghalkemm is-separazzjoni legali saret biss f'Marzu 2013. L-attrici tammetti wkoll li d-decizjoni sabiex il-partijiet jizzewgu kienet wahda li nibtet minhabba l-problemi relatati mar-*residence permit* tant li skond hi, kienu l-awtoritajiet stess li ssuggerew li z-zwieg kien l-uniku mod ta' kif tikseb tali permess. Hi tghid ukoll li minhabba l-karriera taghha bhala *fitness instructor* kif ukoll bhala kantanta ma kellha ebda hsieb li jkollha t-tfal u zzid tghid ukoll li l-intimat kien konxju minn dan kollu u li lanqas hu ma xtaq li jkollu wlied ghaliex ihobb is-safar u ghalhekk kien jara l-ulied bhala xkiel ta' dan il-passatemp tieghu. Tghid ukoll li qabel iz-zwieg l-intimat kien mar l-India ghal xahrejn u f'dan il-perjodu kellha relazzjoni ma' terza persuna u b'hekk irrealizzat hi stess kemm min-naha taghha ma kellha ebda sens ta' *commitment*.

**Il-Verzjoni tal-intimat**

Permezz tal-affidavit tieghu l-intimat mill-ewwel jiddikjara li z-zwieg tieghu mal-attrici ma kienitx xi decizjoni li hadu flimkien izda kienet

[1] Esebit a fol 21 tal-process

decizjoni sfurzata fuqhom minhabba c-cirkustanzi. Jghid li r-relazzjoni taghhom bdiet f'Novembru 2006 u waqfet fis-sena 2007 meta gie lura mill-volontarjat u skopra li kienet qed tara lil haddiehor. Wara ftit regghu komplew fejn hallew. Imbaghad fis-sena 2008, *stante* li kienu inbidlu xi regolamenti tal-ETC, il-*work permit* tal-attrici ma harigx u konsegwentement il-visa li kellha abbinata mal-istess permess skadiet. Kien ghalhekk li imbaghad applikat ghal *residence permit* abbazi tar-relazzjoni taghhom. Dan kien ifisser ukoll li l-attrici ma setghetx tahdem hawn Malta li naturalment offriet id-diffikultajiet taghha wkoll.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar l-24 ta' Lulju 2010 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 10 tal-process.

L B, permezz tal-affidavit taghha[2] tikkonferma dak li tghid l-attrici fis-sens li bintha qatt ma ghexet mal-intimat ghaliex tikkonferma li baqghet tghix maghha. Tikkonferma wkoll li l-intenzjoni wara z-zwieg kienet biss dik li ggib ir-*residence permit* u li bintha ma kellha ebda intenzjoni li jkollha l-ulied minhabba l-professjoni taghha ta' *fitness instructor*. Dan kollu jikkonfermah ukoll Ilya Melchin permezz tal-affidavit tieghu[3].

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-attrici, minhabba anomalija psikologika serja, kienet inkapaci illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-qorti thoss li mill-provi esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet qatt ma kellhom l-intenzjoni li verament jifformaw familja u jifformaw dik l-ghaqda li tant hi necessarja fiz-zwieg. Qatt ma verament riedu jizzewgu fis-sens wiesgha tal-kelma. Dan ma jfissirx li l-partijiet ma kellhomx dak il-gudizzju necessarju sabiex

[2] Esebit a fol 23 tal-process
[3] Esebit a fol 24 tal-process

jevalwaw id-decizjoni taghhom ghaz-zwieg. Anzi mix-xiehda tar-rikorrenti jirrizulta li r-rikorrenti rat iz-zwieg bhala l-mezz ta' kif issolvi l-problemi taghhom. L-attrici rat biss il-fatt li kienet ser takkwista c-cittadinanza Maltija.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[4] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[5] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[5] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-qorti thoss li fil-mument propizju, il-partijiet kellhom id-*discretio judicii* necessarju imma kif ser jigi diskuss aktar 'il quddiem, ghazlu li jidhlu ghal zwieg li kienu jafu li kien wiehed fittizju (tant li qatt ma ghexu flimkien) sabiex *on paper* jidhru li huma mizzewgin u xejn aktar.

Dwar l-Artikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-qorti tirrileva li mix-xiehda tar-rikorrenti jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku li dan kien zwieg ta' konvenjenza u xejn aktar. L-attrici tammetti dan fl-affidavit taghha li dan kien zwieg ta' konvenjenza u l-qorti hija konvinta minn dan. Il-fatt li l-partijiet qatt ma ghexu flimkien huma prova ta' dan. Il-fatt li l-partijiet qatt ma ghexu flimkien juri wkoll li l-partijiet qatt ma kienu lesti li jassumi r-responsabbilitajiet taz-zwieg versu l-parti l-ohra u dan ghaliex konxjament eskludew din il-possibilita' u mhux ghax kienu inkapaci.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[6] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Jirrizulta bl-aktar mod car mill-provi prodotti li l-attrici dahlet ghal dan iz-zwieg sabiex tibqa' tghix u tahdem f'Malta. F'dan il-kuntest il-

[6] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

qorti taghmel referenza ghall-kawzi fl-ismijiet **Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida**[7] **u Miriam Ramdan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**[8] fejn gie ritenut li:

"***Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament***".

Issir referenza wkoll ghall-kawzi fl-ismijiet **Mary Rose Abder Tahim vs Esam Abder Rahim**[9] u **Carmen El Shimi gia Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi**[10] fejn gie ritenut li:

"***Fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop tieghu uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija jew/ u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulate peress li eskluda posittivament iz-zwieg innifsu***".

Il-qorti tirrileva li ma hemm ebda dubju dwar ir-raguni li wasslet lill-partijiet sabiex jidhlu ghaz-zwieg odjern. Min-naha tar-rikorrenti kien hemm biss l-iskop illi hija tkun tista' tibqa` tghix u tahdem f'Malta.

Il-qorti tirrileva li f'dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[11] fejn gie dikjarat li

[7] Deciza nhar l-10 ta' Ottubru 1995 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[8] Deciza nhar is-16 ta' Jannar 1998 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[9] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 2000 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[10] Deciza nhar l-20 ta' Gunju 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[11] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Mill-provi prodotti jidher car li fil-mument tal-kunsens taghha ir-rikorrenti riedet biss li takkwista xi oggett li kien lil hinn miz-zwieg u lil hinn mid-drittijiet u l-obbligi naxxenti miz-zwieg.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Att dwar iz-Zwieg.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------